



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

18.4.2012

B7-0218/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-YPF (REPSOL) mill-Gvern tal-Arġentina
(2012/2619(RSP))

**Gabriele Zimmer, Helmut Scholz, Willy Meyer, Patrick Le Hyaric,
Jürgen Klute, Paul Murphy, Marisa Matias, João Ferreira, Jacky Hénin**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

RE\899400MT.doc

PE486.772v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0218/2012

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-YPF (REPSOL) mill-Gvern tal-Arġentina (2012/2619(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 207 tat-TFUE,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni Ewropea mal-Amerika Latina (Settembru 2010, rapport ta' Helmut Scholz),
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Madrid tas-Samit tal-Kapijiet ta' Stat tal-UE u tal-Amerika Latina (Mejju 2010),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-ġejjieni tal-politika Ewropea dwar l-investment internazzjonali (Marzu 2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-gvern tar-Repubblika Arġentina dan l-aħħar ħabbar li kien qed jibgħat abbozz ta' liġi lill-Kungress tiegħu bil-għan li jivvalida n-nazzjonalizzazzjoni ta' 51% tal-ishma tal-korporazzjoni tal-idrokarbonji YPF, li sidha fil-maġġoranza tagħha hija r-REPSOL;
- B. billi l-privatizzazzjoni tal-YPF seħħet fis-snin '90, bħala konsegwenza tal-applikazzjoni ta' politiki neoliberali puri li wasslet għal żieda fil-faqar u kollass ekonomiku; iqis li l-irkupru ekonomiku attwali tal-Arġentina huwa dovut għad-deċiżjoni tal-Gvern tagħha li ma japplikax politiki neoliberali li għadhom qed jiġu applikati mill-UE u li rriżultaw fil-kriżi profonda li għaddejja bħalissa u fiż-żieda drammatika fil-faqar fl-Ewropa kollha;
- C. billi hija ħaġa legali kif ukoll parti mis-sovranià tal-pajjiżi kollha li jintervjenu fl-isfera ekonomika biex jiddefenti fl-interess pubbliku; billi li jagħtu liċ-ċittadini kollha aċċess għad-dritt fundamentali tal-enerġija u li jnaqqsu l-faqar huma obbligi tal-gvernijiet kollha; billi t-Trattat Bilaterali fuq l-Investment (1992) bejn Spanja u l-Arġentina jiddikjara b'mod ċar li n-nazzjonalizzazzjoni jew l-esproprjazzjoni huma permessi għall-‘interess pubbliku’, ‘mingħajr diskriminazzjoni’, u b’‘kumpens adegwat’;
- D. billi fl-imgħoddi, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej innazzjonalizzaw setturi tal-ekonomija tagħhom b'difiża tal-interess pubbliku taċ-ċittadini tagħhom; iqis li l-Istati Membri tal-UE għandhom jiġu inkoraġġiti li jużaw possibilitajiet simili biex jiffaċċjaw il-kriżi attwali minflok ma jimplimentaw politiki neoliberali;
- E. billi r-REPSOL mhijiex kumpanija Spanjola, peress li aktar minn nofs l-ishma għandhom barranin bħala s-sidien tagħhom u filwaqt li l-politiki tar-REPSOL qed ikunu ta' benefiċċju għal elit ekonomiku żgħir ta' azzjonisti; filwaqt li l-benefiċċji tar-REPSOL għolew bi 11 % mill-1998 sal-2007, il-ħaddiema bbenefikaw minn żieda ta' 1.7 % biss tad-dħul tagħhom; billi r-REPSOL tħallas redditu ta' 7 % fuq id-dividendi, filwaqt li kumpaniji taż-żejt oħra qed iħallsu 3 % bħala medja lill-azzjonisti tagħhom;

- F. billi l-Gvern tal-Arġentina jargumenta li r-REPSOL naqset milli ttrispetta l-obbligi tagħha fl-Arġentina peress li tat prijorità lis-suq internazzjonali filwaqt li injorat il-ħtiġijiet nazzjonali; billi jidher li r-REPSOL hija responsabbli għall-waqa' ta' 54 % fil-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat u 97 % fil-produzzjoni tal-gass, li ġiegħlet lill-istat jimporta l-fjuwil għal spiża li laqget id-USD 9 397 miljun; billi r-riżervi tar-riżervi tal-YPF naqsu b'mod drammatiku minħabba nuqqas ta' investimenti u esplorazzjoni;
- G. billi ġie ppruvat li r-REPSOL naqset ukoll li ttrispetta l-obbligi tagħha f'pajjiżi oħra, peress li kkawżat danni ekoloġiċi enormi fl-Ekwador u fil-Bolivja, li żied il-faqar tal-popolazzjoni lokali, u appoġġjat għadd ta' gvernijiet li kienu responsabbli għal vjolazzjonijiet massivi tad-drittijiet tal-bniedem;
- H. billi r-REPSOL iddikjarat biss 24.8 % tar-redditi tagħha fi Spanja, 21.41 % fl-Arġentina, u l-bqija f'pajjiżi oħra, rifuġji fiskali inklużi; billi għandhom jiġu kkunsidrati kontroll akbar jew saħansitra nazzjonalizzazzjoni tar-REPSOL infisha mill-Gvern Spanjol u oħrajn peress li dan ikun iwassal għal hłas adegwat tat-taxxi, u t-trasferiment ta' parti mill-benefiċċji tagħha lill-ħaddiema u lill-konsumaturi minflok ma tagħti prijorità lill-interess tal-azzjonisti;
- I. billi r-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-Amerika Latina (Ottubru 2010 - rapport ta' Scholz) tfakkar fil-fatt li d-dikjarazzjoni ta' Madrid espliċitament tirrikonoxxi l-prinċipju tad-dritt sovrani tal-istati li jimmaniġġjaw u jirregolaw ir-riżorsi naturali tagħhom, filwaqt li tisħaq li għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lill-kriterji tas-sostenibilità;
- J. billi l-Arġentina ħabbret dak il-kumpens adegwat, li se jiġi stabbilit mill-Qorti tal-Arġentina (*Tribunal de Tasaciones del Estado*) kompetenti għan-nazzjonalizzazzjonijiet u l-valutazzjoni tal-kumpens adegwat mingħajr ma tagħmel diskriminazzjoni jekk is-sidien tal-ishma humiex nazzjonali jew barranin; filwaqt li jitqies li l-investituri m'għandhomx jitolbu trattament mhux diskriminatorju fir-rigward tal-investituri lokali, imma jitolbu għal qorti speċjali meta jsibu ma' wiċċhom xi tilwima; filwaqt li jitqies li l-parti l-kbira tal-azzjonisti tar-REPSOL gawdew benefiċċji enormi fl-imgħoddi, dejjem kienu jafu li kien hemm il-possibilità li ssir esproprijazzjoni u li din hija legali, u kienu jistgħu jieħdu d-deċiżjoni tagħhom skont dan l-għarfien;
- K. billi l-President tal-kumpanija, il-Gvern Spanjol, il-Kummissjoni u s-Sinjura Ashton akkużaw u saħansitra hedded lill-Gvern tal-Arġentina qed jakkużaw lill-Gvern tal-Arġentina saħansitra qabel ma jkunu jafu l-prezz li se jitħallas għall-ishma;
- L. billi fl-implimentazzjoni tas-setgħat il-ġodda tal-UE fuq l-investimenti, skont it-Trattat ta' Lisbona, jeħtieġ li jinstab bilanċ korrett bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-investituri; billi għal aktar minn 20 sena dan il-bilanċ intilef, favur l-investituri u l-korporazzjonijiet, bħala riżultat tal-progress tal-politika neoliberali u filwaqt li titqies it-tendenza tal-istituzzjonijiet Ewropej li jkomplu f'din id-direzzjoni ħażina u jsaħħuha;
- M. billi dan l-iżbilanċ u l-esplojtazzjoni inadegwata tar-riżorsi naturali minn kumpaniji transnazzjonali ħolqu distruzzjoni, konflitt soċjali, qirda tal-ambjent, faqar, spostament tal-popolazzjoni f'ħafna pajjiżi, inklużi dawk tal-Amerika Latina;

- N. billi d-deċiżjoni meħuda mill-korpi tal-arbitraġġ bħalma huma l-ICSID, (il-Bank Dinji), u l-UNCITRAL (in-NU), mhumiex qed jirriflettu l-ħtieġa li jiġi stabbilit il-bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-investituri u l-korporazzjonijiet mhux id-dritt tal-Gvern li jiddefendi l-interess pubbliku;
- O. filwaqt li jitqies li minħabba dawk id-deċiżjonijiet żbilanċjati tal-ICSID favur il-korporazzjonijiet, għadd ta' pajjiżi Latin Amerikani (il-Bolivja fl-2007, l-Ekwador fl-2009 u l-Venezwela fl-2012) iddeċidew li jikkanċellaw ir-rikonoxximent tagħhom ta' dan il-korp għax dehrilhom li ma kienx kompatibbli mal-mandat tagħhom li jikkontrollaw u jorganizzaw l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħhom stess favur l-interess pubbliku, l-iżvilupp u l-ambjent;
1. Jirrispetta d-dritt li għandhom il-pajjiżi kollha li jeżerċitaw id-dritt sovrani li jimmaniġġjaw ir-riżorsi naturali tagħhom u li jirregolaw l-ekonomija tagħhom skont l-interess pubbliku; jappoġġja d-deċiżjoni tal-Gvern li jinnazzjonalizza l-YPF, intrapriża maħluqa mill-Arġentina fl-1922 li ġiet ipprivatizzata bħala konsegwenza tal-politiki purament liberali applikati fis-snin '90 b'konsegwenzi negattivi ħafna għall-ekonomija u b'żieda drammatika fil-faqar;
 2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, speċjalment lil Spanja, lill-KE u lis-Sinjura Ashton, biex minflok ma jiddefendu prinċipalment il-profitt tal-azzjonisti tal-korporazzjoni REPSOL, jiddefendu l-interessi taċ-ċittadini kollha, l-interess soċjali tagħhom u l-ambjent, jagħtu attenzjoni lill-ħtiġijiet tal-ħaddiema u lis-stabbilità tal-impjiegi, lill-ħtiġijiet tal-konsumaturi kemm fl-Arġentina u kemm fl-UE, il-qirda tal-faqar u r-rispett għall-ambjent; ihegġgħom iżommu relazzjonijiet tajba mal-Arġentina u jżommu lura milli jakkużaw lill-Gvern tagħha u milli jħabbru ritaljazzjonijiet saħansitra qabel ma jkunu jafu l-prezz li se jitħallas għall-ishma, fuq il-bażi ta' valutazzjoni li trid tiġi stabbilita mill-korp kompetenti (*Tribunal de Tasaciones de la Nación*);
 3. Hu tal-fehma li meta jitqies l-għadd dejjem jikber ta' konflitti mal-investituri u l-korporazzjonijiet mal-popolazzjonijiet u l-awtoritajiet fl-Amerika Latina, l-Afrika u bnadi oħra, hemm ħtieġa urġenti li jsir djalogu kostruttiv fost il-pari bejn l-UE u l-pajjiżi terzi dwar il-ġejjieni tal-investimenti barranin, biex jiġi stabbilit bilanċ adegwat tad-drittijiet u l-obbligi tal-investituri u tal-korporazzjonijiet, u użu adegwat tar-riżorsi naturali, u biex isir tiftix għal alternattivi għall-korpi ta' arbitraġġ attwali ICSID u UNCITRAL;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jieqfu milli japplikaw politiki neoliberali li żmienhom għadda u li qed ikomplu japprofondixxu l-kriżi ekonomika li għaddejja bħalissa bi spejjeż taċ-ċittadini Ewropej, speċjalment il-fqar, u jikkunsidraw approċċi aktar kreattivi u kuraġġjużi biex isolvu l-kriżi, fejn eventwalment jispiraw ruħhom minn xi wħud mis-soluzzjonijiet ekonomiċi applikati minn xi pajjiżi Latin Amerikani;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-gvern u lill-Kungress tar-Repubblika Arġentina u lill-membri tal-Kunsill tal-MERCOSUR.